

Brussell, 26 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

13337/23

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0294(NLE)

---

---

SCH-EVAL 199  
SIRIS 85  
COMIX 414

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	25 ta' Settembru 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	12683/23
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2022 tad- <b>Danimarka</b> tal-applikazzjoni tal- <i>acquis</i> ta' Schengen relatat mas- <b>Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen</b>

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2022 tad-Danimarka tal-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen relatat mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, maqbul mill-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen fil-25 ta' Settembru 2023.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti

## **RAKKOMANDEZZJONI**

**dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2022 tad-Danimarka tal-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen relatat mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jstabilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'Ottubru 2022, twettqet evalwazzjoni ta' Schengen relatata mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-rigward tad-Danimarka. Wara l-evalwazzjoni, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2023)1750, ġie adottat rapport li fih is-sejbiet u l-valutazzjonijiet, li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni.
- (2) It-tim ta' fuq il-post qies bħala l-aħjar prattiki l-awtomatizzazzjoni fl-ipproċessar tal-formoli SIRENE li jidħlu għal persuni u fit-trasferiment tal-formoli li jidħlu dwar allerti relatati mat-terroriżmu lis-servizzi tas-sigurtà nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (3) Jenħtieġ li jsiru rakkomandazzjonijiet dwar l-azzjonijiet rimedjali li għandhom jittieħdu mid-Danimarka sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati bħala parti mill-evalwazzjoni. Sabiex jiġi żgurat l-użu sistematiku u l-iżvilupp sħiħ tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet 2, 4, 7, 16, 19 u 20.
- (4) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri.
- (5) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922<sup>1</sup> japplika mill-1 ta' Ottubru 2022. F'konformità mal-Artikolu 31(3) ta' dak ir-Regolament, l-attivitajiet ta' segwitu u monitoraġġ tar-rapporti ta' evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet, li jibdew bil-preżentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni, jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/922.
- (6) Fi żmien xahrejn mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li d-Danimarka, skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha u tirrimedja n-nuqqasijiet identifikati fir-rapport ta' evalwazzjoni. Jenħtieġ li d-Danimarka tipprovdi dak il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

#### JIRRAKKOMANDA:

li jenħtieġ li d-Danimarka

#### Uffiċċju tal-N.SIS u ċentru tad-data N.SIS, disponibbiltà

1. tiżgura li jkun hemm fis-seħħ monitoraġġ affidabbli biex tiġi pprovduta statistika dwar id-disponibbiltà tad-data tas-SIS lill-utenti finali;

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 (ĠU L 160, 15.6.2022, p. 1).

## **Proċeduri SIRENE għall-iskambju ta' informazzjoni supplimentari**

2. iżżid l-għadd ta' persunal impjegat fl-Uffiċċju SIRENE sabiex jitwettqu l-kompiti kollha assenjati lill-uffiċċju;
3. tiżgura li l-Uffiċċju SIRENE Daniż ma jużax b'mod sistematiku l-formola SIRENE O biex jibda l-proċedura ta' konsultazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 34 tal-Manwal SIRENE għall-fruntieri u r-ritorn<sup>1</sup> u l-Artikoli 8(1) u 27 tar-Regolament (UE) 2018/1861<sup>2</sup>;
4. tiżgura li l-Europol tiġi infurmata permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari rigward hits dwar allerti relatati ma' reati terroristiċi, f'konformità mal-Artikolu 35(8) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 48(8) tar-Regolament (UE) 2018/1862<sup>3</sup>;

## **Proċeduri SIRENE fil-qasam tal-kwalità tad-data**

5. tikkoordina l-verifika tal-kwalità tad-data ta' allerti fuq il-bażi tar-rapporti dwar il-kwalità tad-data mibgħuta mill-eu-LISA;

## **Sistema tal-fluss tax-xogħol**

6. tiżgura fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet SIRENE l-awtomatizzazzjoni u l-integrazzjoni tar-reġistri, l-applikazzjonijiet u l-bażijiet tad-data nazzjonali differenti;

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 2021 dwar l-istabbiliment ta' regoli dettaljati għall-kompiti tal-Uffiċċji SIRENE u l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari dwar allerti fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-verifika fuq il-fruntieri u ritorn ("Manwal SIRENE - Fruntieri u ritorn").

<sup>2</sup> Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifika fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14).

<sup>3</sup> Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

## **Uffiċċju SIRENE – sigurtà fiżika u loġika**

7. tistabilixxi fil-Back office ta' SIRENE kontroll tal-aċċess fiżiku f'konformità mal-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1862;

## **Ħolqien u tħassir ta' allerti**

8. ittejjeb il-livell ta' awtomatizzazzjoni fil-proċess ta' ħolqien tal-allerti tas-SIS;
9. tipprovdi lill-awtoritajiet tal-migrazzjoni proċeduri u għodod biex jibagħtu l-informazzjoni dwar l-identità psewdonima lill-Uffiċċju SIRENE sabiex jiġi żgurat li d-data psewdonima tiżdied dejjem ma' alert tas-SIS meta tkun disponibbli fil-bażijiet tad-data nazzjonali;
10. tiżgura li l-allerti dwar dokumenti invalidati mfittxija għall-qbid u maħluqa fis-SIS b'talba tad-distretti tal-pulizija jinħarġu bħala "oġġett għall-qbid" minflok ma jinħarġu b'mod sistematiku bħala "invalidati mill-awtorità emittenti";

## **Aċċess għas-SIS permezz ta' applikazzjonijiet nazzjonali**

11. tipprovdi lill-utenti finali li jużaw l-applikazzjonijiet għat-tfittxijiet fis-SIS tabella ta' trażlitterazzjoni elettronika;

## **Applikazzjonijiet tal-Pulizija Nazzjonali**

12. tiżgura li f'każ ta' hit rigward allerti dwar dokumenti fl-applikazzjoni POLKON, l-alert tas-SIS jintwera l-ewwel 'il fuq mill-alert tal-Interpol;
13. ittejjeb fl-applikazzjoni POLKON il-wiri ta' estensjonijiet tal-identità użati ħażin sabiex l-utenti finali jiddistingwu b'mod ċar bejn il-vittma u min huwa l-awtur ta' reat;
14. tikkollega s-sistema nazzjonali ta' Rikonoxximent Awtomatiku tal-Pjanċi (Automated Number Plate Recognition, ANPR) mas-SIS;

15. tipprovdi l-paġna ewlenija tal-POL-INTEL Finder b'tiftix integrata prestabbilita kemm fil-bażijiet tad-data nazzjonali kif ukoll f'dawk tas-SIS, f'konformità mal-objettiv u l-funzjonament proprji tal-qafas ġuridiku u mal-fini kif imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2018/1861 u fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2018/1862;
16. tiżgura li l-applikazzjoni POL-INTEL Finder turi r-ritratti u l-identitajiet inklużi fl-allerti u l-links, f'konformità mal-Artikolu 9(1) u (3) moqri flimkien mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 9(1) u (3) moqrija flimkien mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1862;
17. tiżgura li fl-applikazzjoni POL-INTEL, jiġu enfasizzati l-identitajiet użati ħażin u l-markaturi ta' twissija, u l-funzjonalitajiet ta' tiftix "fuzzy" u "kwalunkwe isem" ikunu disponibbli għall-utenti finali;

#### **Applikazzjonijiet mobbli**

18. tkompli tiżviluppa l-applikazzjoni għal apparati mobbli Search App sabiex tippermetti tfittxijiet ta' vetturi fis-SIS, jintwerew ir-ritratti, it-tip ta' reat, l-identitajiet użati ħażin, il-pseudonimi u l-links inklużi fl-allerti tas-SIS u tintwera l-azzjoni alternattiva għall-allerti tas-SIS immarkati skont l-Artikolu 26, f'konformità mal-Artikolu 9(1) u (3) moqri flimkien mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 9(1) u (3) moqrija flimkien mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1862;
19. tkompli ttejjeb l-applikazzjoni għal apparati mobbli Search App fil-wiri ta' informazzjoni u fil-funzjonalitajiet ta' tiftix;
20. tiżgura li l-applikazzjoni BIFROST tipprevedi tfittxijiet integrati fil-bażijiet tad-data nazzjonali tal-pulizija u fis-SIS, f'konformità mal-objettiv u l-funzjonament proprji tal-qafas ġuridiku u għall-fini kif imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2018/1861 u fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2018/1862;

### **Awtoritajiet tal-immigrazzjoni**

21. tiżgura li l-applikazzjoni "Public360" li qed tintuża mill-awtoritajiet tal-migrazzjoni turi l-informazzjoni kollha disponibbli fl-allerti, f'konformità mal-Artikolu 9(1) u (3) moqri flimkien mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 9(1) u (3) moqrija flimkien mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1862;

### **Awtoritajiet doganali**

22. tagħti lill-awtoritajiet doganali Daniżi aċċess dirett għas-SIS għat-twettiq ta' kontrolli fuq oġġetti jew persuni matul kontrolli doganali;

### **Taħriġ**

23. tipprovdi lill-utenti finali fiċ-ċentri operazzjonali u fit-tieni linja ta' kontroll fil-fruntiera fl-Ajruport ta' Copenhagen aktar taħriġ dwar il-proċedura tas-SIS.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---